# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

**bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

*Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (melit)*

**Seduta tal-21 ta' Jannar 2019**

**Kumpilazzjoni numru 137/2016**

**Il-Pulizija**
**(Luke Bonello/Elton Taliana)**

**vs.**

**Glen Ciantar**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat Glen Ciantar ta' għoxrin sena (20), bin Rosario u Helen xebba Pisani, imwieled nhar il-11 ta' Marzu, 1994, u joqgħod nru. 65, Renhel, Triq Santa Katerina, Attard, detentur tal-karta tal-identita' nru. 124094M:

Akkużat talli fil-1/01/2015 għall-ħabta ta' bejn is-02:00 u 02:15 fi Triq l-Imdina, Ħ'Attard, waqt li kien qed isuq il-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni GLN113:

(1) Bil-ħsieb li tikkaġuna ġrieħi ta' natura gravi fuq il-persuni ta' PS135, PC589, PC1537 mit-Taqsima tat-Traffiku urejt dan il-ħsieb b'atti esterni u tajt bidu għall-eżekuzzjoni tad-delitt billi soqt il-vettura GLN 113 fid-direzzjoni tagħhom liema delitt ma ġiex eżegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta tiegħek.

(2) U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, għamel resistenza bi vjolenza jew b'ħebb, ta' xorta li ma titqiesx bħala vjolenza pubblika, kontra persuni nkarigati skond il-liġi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kienu qed jaġixxu għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħti skond il-liġi mill-awtorita' kompetenti;

(3) U aktar, talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, ppruvajt issuq jew kellek kontroll ta' vettura fit-triq jew f'post pubbliku wara li kkunsmajt tant alcoħol li l-proporzjon tiegħek fin-nifs, fid-demm jew fl-urina kien iżjed mil-limitu preskritt;

(4) U aktar, talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, saq jew ipprova jsuq jew kellu kontroll tal-imsemmi vettura fi triq jew f'post pubbliku meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minħabba xorb jew drogi;

(5) B'nuqqas ta' ħsieb u bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-art jew professjoni jew b'nuqqas ta tħaris tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament għamel ħsara jew ħassar jew għarraq vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni IVN912 tal-għamla Mercedes għad-detriment ta' Karsten Manicolo;

(6) U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi saq l-imsemmija vettura b'manjiera traskurata, perikoluża u bla kont;

(7) Waqt li kien isuq jew kellu fil-kontroll tiegħu vettura, naqas li jobdi minnufiħ kull ordni, indikazzjoni, jew sinjal mogħti jew magħmul mill-Pulizija jew minn Gwardjan Lokali biex jitmexxa t-traffiku jew kull raġuni oħra fit-twettieq ta' dmirijiethom;

(8) U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, meta kien involut f'inċident tat-traffiku ma vettura numru IVN912, naqas milli jieqaf u meta kien meħtieġ naqas li jagħti l-partikolaritajiet tiegħu u d-dettalji tal-vettura li kien qed isuq kif mitlub bil-liġi u/jew naqas li jirraporta l-imsemmi inċident lill-Pulizija jew Gwardjani Lokali;

(9) U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, bħala uffiċjal jew impjegat pubbliku, ikkometta reat ieħor li kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minħabba l-kariga tiegħu kellu d-dmir li jimpedixxi.

Il-Prosekuzzjoni talbet li l-Qorti tikkunsidra lill-akkużat bħala reċidiv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll talbet għall-iskwalifika tal-liċenzji kollha tas-sewqan tal-imputat, għal żmien li jidhrilha xieraq.

Rat ukoll li matul is-seduta tal-erba ta' Marzu tas-sena elfejn u sittax il-prosekutur eżebixxa l-kunsens tal-Avukat Ġenerali sabiex il-proċedura f'dan il-każ tipprosegwi sommarjament;[1]

Rat illi matul is-seduta tal-1 ta' Ġunju 2016 l-Uffiċjal Prosekutur irtira l-ewwel imputazzjoni miġjuba kontra l-imputat filwaqt li kkonferma l-bqija tal-imputazzjonijiet bil-ġurament;[2]

Rat li matul l-eżami tal-imputat ai termini tal-Artikolu 392(1) tal-Kodiċi Kriminali, l-imputat, tenna li huwa ma kienx ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

Rat li matul l-istess seduta din il-Qorti, ai termini tal-Artikolu 370(3)(b) tal-Kodiċi Kriminali, staqsiet lill-imputat jekk kellux oġġezzjoni li l-każ jiġi trattat u deċiż minn din il-Qorti u wara li tat lill-imputat żmien xieraq biex iwieġeb għal din il-mistoqsija, wieġeb li ma' kellux oġġezzjoni li l-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja u il-Qorti għalhekk

[1] Folio 23 tal-atti proċesswali.
[2] Folio 18 tal-atti proċesswali.

ħadet nota bil-miktub ta' din it-tweġiba fil-proċess ai termini tal-Artikolu 370(3)(c) tal-Kodiċi Kriminali u ddeċidiet li tikkonverti ruħha f'Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;

Rat li matul is-seduta tat-3 ta' Ottubru 2018 l-Uffiċjal Prosekutur iddikjara li fir-rigward tal-kawża kontra l-imputat huwa ma kellux aktar provi x'jipproduċi;[3]

Semgħet lid-Difiża tammetti għat-tielet u r-raba' imputazzjonijiet matul is-seduta datata s-7 ta' Novembru 2018[4] fejn konsegwentment din il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni fir-rigward tal-konsegwenzi ta' din l-ammissjoni. L-imputat ingħata żmien biżżejjed jikkonsulta mad-Difensur tiegħu sabiex jiddeċiedi sabiex jew jirtira jew itenni tali ammissjoni u wara li ingħata żmien xieraq huwa tenna l-istess ammissjoni għar-rigward tat-tielet u tar-raba imputazzjonijiet.[5]

Rat ukoll li matul l-istess seduta d-Difiża ddikjarat li għalqet il-provi tagħha.

Rat id-dokumenti kollha preżentati, ħadet konjizzjoni tax-xiehda tax-xhieda prodotti, semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet, u wara li fliet l-atti kollha tal-kawża.

[3] Folio 105 tal-atti proċesswali.
[4] Folio 25 tal-atti proċesswali.
[5] Folio 106 tal-atti proċesswali.

*Ikkunsidrat :-*

Illi mill-provi tal-Prosekuzzjoni irriżulta li nhar l-1 ta' Jannar 2015, il-Pulizija tat-traffiku kienu qegħdin jagħmlu *road block* ġewwa Triq il-Imdina, Ħ'Attard fil-ħinijiet bikrin ta' filgħodu, sbieħ l-ewwel tas-sena. Fl-istess data, għall-ħabta tas-sagħtejn u kwart ta' filgħodu, waqt li kienu qedgħin jidderiġu t-traffiku għall-kontrolli meħtieġa, il-Pulizija semgħu ħoss ta' ħabta bejn żewġ karrozzi madwar mitejn metru l-fuq minn fejn kienu posizzjonati, fejn lemħu vettura tinqala' minn wara serbut ta' karozzi li kienu mblokkati minħabba l-kontrolli li kienu qedgħin isiru mill-Pulizija u dil-vettura bdiet isuq fid-direzzjoni ta' fejn kienu l-Pulizija. PC1537 Paul Falzon beda jissenjala bit-*torch* sabiex din il-karozza tieqaf; biss din ma waqfitx mill-ewwel, għalkemm kif qabżitu rrallentat konsiderevolment. Dan jirriżulta mix-xiehda ta' PC589 Etienne Grima li saħansitra rnexxielu jitfilu l-karozza billi jtellalu l-*hand brake*. Irriżulta li l-vettura in kwistjoni kellha n-numru ta' reġistrazzjoni GLN113 u kienet misjuqa mill-imputat. Il-Pulizija spezzjonaw il-vettura kif ukoll lill-imputat sabiex jaraw jekk kienx fil-pussess ta' xi oġġetti illegali, liema tfittxijiet irriżultaw fin-negattiv.

In oltre l-Pulizija dehrilhom li l-imputat seta' kien fis-sakra fejn wara li tawħ id-debita twissija u nfurmawħ bid-drittijiet tiegħu akkumpanjawħ l-għassa ta' Birkirkara għat-testijiet relattivi. Mill-provi tal-Prosekuzzjoni irriżulta li l-imputat kien ardit fil-konfront tagħhom u dan

billi talabhom ripetutament sabiex ipejjep apparti li baqa jsostni li ma setax jifhem għalfejn kien qed jiġi arrestat meta hu ma kien għamel xejn. Ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni jgħidu wkoll li l-imputat kien qed jirreżisti illi jidħol fil-karozza tas-servizz tant illi minħabba n-nuqqas ta' kooperazzjoni da parti tiegħu, huma kellhom jimmanetjawħ. Skond dak li xehdu l-Pulizija rriżulta wkoll li l-imputat kien qed jitlob b'insistenza li jħollulu l-manetti peress li kienu ssikatti ħafna.

Irriżulta wkoll li qabel ma ġie akkumpanjat l-għassa ta' Birkirkara, ċertu Karsten Manicolo kien avviċina lil Pulizija fejn kien saħaq li l-imputat kien ħabat fil-vettura misjuqa minnu bir-reġistrazzjoni IVN912 u kien baqa' sejjer wara l-ħabta. Di piu' meta l-imputat ġie soġġett għat-test tan-nifs skond il-liġi, il-qari tat-test kien jindika li l-imputat kien eċċeda konsiderevolment il-limitu tal-konsum tal-alkoħol skond kif preskritt mill-liġi.

Mill-banda l-oħra, l-imputat fix-xiehda tiegħu isostni li filwaqt li huwa minnu li huwa kien xorob iktar milli suppost matul il-festeġġjamenti tal-Ewwel tas-Sena ftit tal-ħin qabel, u filwaqt li jikkonferma wkoll li hu ħabat fil-vettura li kienet misjuqa minn Karsten Manicolo, hu ma telaqx mill-post tal-ħabta sabiex jevadi r-responsabbiltajiet tiegħu iżda sabiex jevita li jkun hemm inċident stradali ieħor mal-vettura tiegħu peress li l-post fejn seħħ l-inċident kien mudlam u minħabba l-fatt li hu kien spiċċa bla dwal suffiċjenti ai fini ta' senjalazzjoni għal-vettura oħrajn li setgħu

kienu fil-qrib. Di piu' huwa jinsisti li ma kienx qed isuq b'veloċita' eċċessiva. Saħaq li huwa pprova jevita l-impatt ma din il-vettura tant illi l-ħsarat inkorsi minnu kienu fil-ġenb tal-vettura tiegħu fuq in-naħa ta' quddiem u mhux ċentrali.

Għal dak li jirrigwarda l-inkontru mal-Pulizija, l-imputat jgħid li ma kienx minnu li kienu libsin *luminous vests* jew li kellhom id-dwal blu mixgħulin kif filfatt allegaw iżda jsostni li huma kienu mistoħbija fis-siġar. Iżid jgħid li kif kien qed javviċinhom, PC1537 tefgħalu t-*torch* lejn il-karrozza tiegħu u kkonferma li kienu fittxewħ u ma sabulu xejn illeċitu fuqu. Jispjega li t-temperatura dak il-lejl kienet misset it-3 gradi u hu kull ma kien liebes qmis fejn kien talab sabiex ipejjep sigarett, liema rikjesta madankollu ġiet miċħuda, u liema ordni huwa obda. Jikkonferma li kienet ġiet l-ispettura Edel Mary Camilleri fuq il-post li kienet spjegatlu li kellhom jagħmlulu test tan-nifs. Il-Pulizija tal-RIU akkumpanjawħ l-Għassa tal-Birkirkara għal dak il-fini. L-imputat ikompli jgħid li kif mar biex jiġbor l-effetti tiegħu li kienu fuq is-saqaf tal-vettura, PC1537 waqqfu u minkejja li ma sabulu xejn illegali fuq jew fil-vettura tiegħu, dan ried jagħmillu l-manetti.

L-imputat ikompli jispjega li l-Pulizija xorta waħda għamillu l-manetti wara li tefgħalu idejħ wara dahru u fejn infurmaħ li kien taħt arrest. L-imputat jgħid li hu talab lil PC1537 sabiex iħollu l-manetti peress li kienu ssikatti ħafna u kellu l-punti mal-polz ta' idejħ li kienu qegħdin

iweġġħuh. Madankollu PC1537 irrifjuta fejn reġa fakkru li kien arrestat u daħluħ fil-vettura tal-RIU. Kif daħal fil-vettura kien hemm PC893 Mark Galea fejn l-imputat saqsa lilu bi prudenza jekk setax iħollu l-manetta minħabba l-punti li kellu fejn b'risposta PC893 wieġbu bl-herra u taħ daqqa ta ras (*head butt*). L-imputat eżebixxa ċertifikat mediku indikattiv ta' din il-ferita kif ukoll tal-ferita li kellu fil-polz, fejn kienu inqalgħu l-punti li kellu minħabba l-manetti ssikkatti li kienu għamlulu. Konsegwentement, wara li t-test tan-nifs irriżulta posittiv, l-imputat kien talab li jagħmel rapport hu wkoll kontra PC1537 u PC893 minħabba l-mod kif kienu ġabu ruħhom fil-konfront tiegħu, liema investigazzjoni għadha pendenti sa' llum il-ġurnata.

***Kusiderazzjonijiet dwar punti legali***

Illi l-ewwel imputazzjoni ġiet irtirata mill-Prosekuzzjoni u għalhekk mhux ser tiġi kunsidrata.

Fit-tieni imputazzjoni, l-imputat jinstab mixli bir-reat ippostulat taħt l-Artikolu 96 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għal dak li jirrigwarda t-tielet u r-raba' imputazzjonijiet, l-elementi ta' dawn l-imputazzjonijiet naxxenti mill-Artikoli 15B u 15A tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta rispettivament, mhux ser jiġi analizzati minn din il-

Qorti minħabba li l-imputat ammetta il-ħtija tiegħu dwarhom seduta stante.

Għal dak li jirrigwarda l-ħames imputazzjoni din hija regolata mill-artikolu 328 tal-Kapitolu 9 u jittratta r-reat ta' ħsarat involontarji. Id-diċitura ta' din id-disposizzjoni baqgħet identika minn żmien l-inċident sa' llum, għajr għal dak li jirrigwarda l-ewwel u t-tieni proviso f'dan l-artikolu fejn għal dak li jirrigwarda l-ewwel waħda idaħħlet il-frażi 'bil-kwerela tal-parti offiża' u t-tieni proviso ġie introdott interament u sussegwentement emendat ukoll wara l-inċident in kwistjoni.

Rigward is-sitt imputazzjoni, l-artikolu 15(1)(a)(2)(3) tal-Kapitolu 65 jirregola s-sewqan ta' vettura mingħajr liċenzja jew b'nuqqas ta' kont, traskuraġni, b'manjiera perikoluża, li tinkorpora b'mod mandatorju l-iskwalifika tal-liċenzja tas-sewqan fl-eventwalita' ta' ħtija u meta s-sewqan ikun ta' traskuraġni jew periklu konsiderevoli. F'dan ir-rigward minn żmien l-inċident lil hawn il-multa u l-piena karċerarja applikabbli taħt is-subparagrafu (a) żdiedu konsiderevolment.[6] In oltre għal dak li jirrigwarda is-subartikolu (3) li jittratta l-iskwalifika tal-liċenzja tas-sewqan f'ċirkostanzi li ma jkunux perikolużi jew negliġenti, jirriżulta li fiż-żmien mertu tal-inċident din l-iskwalifika tkun biss imputabbli fuq

[6] Illum il-ġurnata l-piena stabbilita hija ta' multa li ma tiskorrix €1200 u piena karċerarja ta' mhux iżjed minn sena. Fi żmien mertu tal-inċident il-multa ma kinitx teċċedi €232.94 u l-piena karċerarja ma kinitx iktar minn tlett xhur.

talba tal-Prosekuzzjoni filwaqt li llum il-ġurnata il-Qorti tista' tiddeċiedi *ex officio* jekk għandhiex tordna skwalifika jew le.[7]

Rigward is-seba' u t-tmien imputazzjonijiet dawn jaqgħu taħt il-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.11 ossija r-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur. Is-seba' imputazzjoni hija regolata mir-regolament 124(1) ta' din il-Leġislazzjoni Sussidjarja fejn skond is-subartikolu (2) tal-istess regolament kull min jikkometti dan ir-reat ikun ħati ta' kontravenzjoni u jeħel il-pieni appoziti.

It-tmien imputazzjoni hija regolata mir-regolament 67(1) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.11 ossija r-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur fejn l-obbligu li jieqaf jinkombi fuq min ikun qed isuq il-vettura li tikkaġuna ħsarat jew ġrieħi fil-konfront ta' vettura jew persuna/i oħra skond il-każ li jkun u in oltre hu min hu jrid jagħmel kull ma huwa meħtieġ skond l-uffiċjal tal-Pulizija jew uffiċjal komunitarju, inkluż l-għoti tal-partikolaritajiet tiegħu u kwalunkwe informazzjoni oħra skond l-esiġenza tal-inċident li jkun. Għal dak li jirrigwarda din l-imputazzjoni jirriżulta li l-piena hija wkoll regolata mir-regolament 124(2) u konsegwentement min jinstab ħati tagħha wieħed jeħel piena kontravenzjonali.

[7] Att XIV tas-sena 2017.

Fid-disa' imputazzjoni l-imputat jistab mixli wkoll ai termini tal-artikolu 141 tal-Kodiċi Kriminali li jistipula awment fil-piena għal reati kommessi minn uffiċjali pubbliċi, fir-rigward ta' dawk ir-reati li huma kellhom id-dmir li jissorveljaw li ma jsirux fil-kariga tagħhom u salv għal dawk ir-reati li fihom infushom jispeċifikaw awment fil-piena minħabba l-kariga nnifisha ta' min ikkomettiha.

Finalment huwa wkoll ġie addebitat bir-reċidiva ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali.

***Ikkunsidrat : -***

Illi għal dak li jirrigwarda t-tieni imputazzjoni miġjuba taħt l-artikolu 96 tal-Kodiċi Kriminali, dan l-artikolu jaqra hekk :

> 96. Kull min jattakka jew jagħmel resistenza bi vjolenza jew b'ħebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna inkarigata skond il-liġi minn servizz pubbliku, fil-waqt li tkun taġixxi għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħti skond il-liġi mill-awtorita' kompetenti, jeħel, meta jinsab ħati –
>
> Jekk l-attakk jew ir-resistenza jsiru minn wieħed jew tnejn min-nies, il-piena ta' priġunerija minn sitt xhur sa sentejn u għal multa ta' mhux inqas minn erbat elef euro (4000) u mhux iżjed minn għaxart elef euro (10,000);

Skond il-ġurisprudenza Maltija sabiex dan ir-reat jissusissti :

> ..irid ikun hemm mhux biss attakk jew opposizzjoni ossia rezistenza kontra persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, izda ukoll li dana l-attakk jew rezistenza isir bi vjolenza jew b'hebb u jsir waqt li dik il-persuna

tkun tagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti.[8]

Issa skond il-Prosekuzzjoni l-ħtieġa tal-arrest tal-imputat kien meħtieġ minħabba l-komportament tiegħu li fil-fehma tagħhom ma kienx wieħed kooperattiv u li minħabba fiħ ħassew il-ħtieġa li jiġi arrestat. Jirriżulta mill-provi illi l-imputat ġie nfurmat dwar l-arrest tiegħu fil-mument meta mar biex jiġbor l-effetti tiegħu biex mingħaliħ imur l-għassa skond l-istruzzjonijiet mogħtija lilu mill-Ispettura Edel Mary Camilleri. Din il-Qorti għandha wkoll ir-riservi tagħha dwar il-ħtieġa li l-imputat jiġi mmanetjat fil-kors ta' dan l-arrest minħabba dan il-fatt, u filfatt jidher ukoll li d-diverbju li seta' nqala' bejn l-imputat u l-Pulizija li kienu qegħdin jeżegwixxu l-arrest b'din il-manjiera kien appuntu minħabba li intużaw il-manetti fuqu, u b'mod partikolari minħabba l-fatt li kellu l-punti friski fil-polz ta' idu u l-manetti kienu ssikkati tant li dawn reġgħu infetħu.

Dan qiegħed jingħad ukoll fid-dawl li l-Qorti tinstab konfortata mill-provi mediċi miġjuba f'dan ir-rigward. Il-provi tal-imputat, inkluż ir-ritratti eżibiti minnu juru, sal-grad tal-probabbli, li l-imputat kien għadu kif għamel il-punti tlett ijiem qabel dan l-inċident. Mir-ritratti eżibiti minnu jidher li dawn ir-ritratti ma kienux baqgħu intatti minħabba s-sikkatura tal-manetti li ġie mġiegħel jilbes. In oltre, indipendentement minn dan, u dejjem b'referenza għall-ġurisprudenza nostrana, fid-dawl

[8] Pulizija vs Lawrence Attard deċiża mill-Qorti tal-Appell Inferjuri ppreseduta mill-Imħallef Vincent Degaetano nhar it-12.9.1996

tal-provi mressqa jidher li sal-mument li l-imputat ġie immanetjat, hu ma kien qed jagħmel l-ebda azzjoni vjolenti jew ta' resistenza għall-arrest, għalkemm setgħa kellu atteġġjament kemxejn ardit. Infatti dan joħroġ ċar mix-xhieda ta' Jake Muscat li kien riekeb fil-vettura misjuqa minn Kirsten Manicolo u li fix-xhieda tiegħu jgħid li wara li l-imputat twaqqaf is-sitwazzjoni kienet waħda kalma. Skond ix-xhieda ta' Karsten Manicolo jirriżulta li f'mument minnhom kien hemm xi għajjat u li kien sema' lil l-imputat jitkellem ħażin. Madankollu ma jidhirx li kien hemm xi azzjoni vjolenti da parti tal-imputat sabiex jirreżisti l-arrest tal-Pulizija riflessa f'użu ta' forza attiva jew *vie di fatto*. U f'dan il-każ jirriżulta li l-Pulizija ma ħassitx li kien hemm l-estremi li tixli lill-imputat ukoll bir-reat taħt l-artikolu 95 tal-Kodiċi Kriminali.

Mix-xhieda tal-Pulizija stess jirriżulta illi huma ħassew il-ħtieġa li jarrestawħ u jimmanetjawħ peress illi fil-fehma tagħhom hu kien qiegħed jara x'jagħmel sabiex jevadi l-arrest tiegħu u dan mhux b'xi azzjoni vjolenti li kienet tirrekjedi li jiġi mrażżan mill-manetti imma billi saqsihom ripetutament għalfejn kien qed jiġi arrestat u ergo għax ma ċediex għall-arrest tagħhom mingħajr problemi ta' xejn.

Ġie pruvat ukoll li hu talabhom ripetutament sabiex ipejjep fejn infurmawħ li ma setax minħabba t-test tan-nifs u nfatti jidher li filfatt l-imputat ma kienx pejjep allavolja hu stess ikkonferma fix-xhieda tiegħu li hekk xtaq jagħmel. Mix-xhieda ta' PC1537 Paul Falzon joħroġ li l-

imputat kien qed jirrifjuta li jneħħi jdejh mill-but meta saqsewħ jagħmel hekk; iżda mill-provi tal-Prosekuzzjoni stess jirriżulta li saret tfittxija fuq il-persuna tal-imputat, inkluż fil-bwiet u fil-karrozza tiegħu, fejn ma nstabux xi effetti kontra l-liġi.

Illi dan il-komportament tal-imputat, għalkemm forsi intrasiġenti jew anke ardit, ma jistax jitqies bħala wieħed vjolenti jew b'ħebb. Il-kommozzjoni prinċipali li jidher li nqalgħet kienet seħħet fil-mument meta l-imputat kien ġie mmanettjat (fejn diġa intqal li dan sar minkejja li kien sofferenti minn ponti friski f'idu) kif ukoll meta huwa tenna li ssubixxa ferita f'moħħu konsegwenti allegata *head butt* li mingħand wieħed mill-uffiċjali tal-RIU. Dan l-aħħar episodju seħħ wara li l-imputat kien ġie arrestat u mmanetjat. Ix-xhieda pajżana ma raw l-ebda kollutazzjoni fiżika fuq il-post. B'hekk din il-Qorti tista' tiddeżumi illi jekk verament kien hemm kollutazzjoni dan seħħ wara l-arrest tal-imputat u mhux waqt li kien qed jiġi arrestat jew f'xi post li kien viżibbli għat-terżi li kienu preżenti fuq ix-xena tal-każ.

Din il-Qorti hija wkoll tal-fehma li jekk kien hemm xi reżistenza da parti tal-imputat, l-imputat irnexxielu jipprova, sal-grad tal-probabbli, li huwa kien qiegħed jinġibed milli jiġi mmanetjat mhux biss għaliex ma sabulu xejn illegali fil-pussess tiegħu daqskemm minħabba s-sikkatura tal-manetti li lmenta dwarha mal-Pulizija li mmanetjawħ u dan minħabba l-ponti friski li ġie pruvat li kellu f'idejh. In oltre skond is-sentenza fl-

ismijiet ***Il-Pulizija vs John Mallia*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali:-

> Jekk wiehed jindahal fid-doveri tal-pulizija u juza mhux biss "vie di fatto", imma vjolenza effettiva allura hu jkun hati ta' attakk u rezistenza lill-Pulizija a differenza tal-kaz, fejn ikun hemm semplici kliem oltragguz jew semplici minacci jew "mera inazione". Fil-kaz tal-persuna li tkun fidejn il-Pulizija jista' talvolta jkun hemm certa tolleranza, billi dik il-persuna tkun qeghda tirrezisti lill-Pulizja ghax tkun spinta mix-xewqa naturali tal-liberta' proprja; imma din it-tolleranza tispicca malli dik il-persuna tispingi jdejha fuq il-membri tal-Pulizija li jkunu qeghdin izommuha biex toffendihom fil-persuna taghhom u tmur oltre s-semplici sforz biex tevadi l-arrest.[9]

Konsegwentement din il-Qorti hija tal-fehma illi l-Prosekuzzjoni ma rrnexxilhiex tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li f'dan il-każ, l-imputat aġixxa bil-*mens rea* meħtieġ biex jiġu sodisfatti l-elementi kollha tar-reat maħluq bl-artikolu 96 tal-Kodiċi Kriminali.

Illi l-istess ma jistax pero jingħad għal dak li jirrigwarda kemm il-ħames kif ukoll is-sitt imputazzjonijiet u ċioe' tal-ħsarat involontarji kkaġunati fuq il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni IVN912 misjuqa minn Kirsten Manicolo u tas-sewqan traskurat u/jew negliġenti da parti tal-imputat. M'hemm l-ebda dubbju li l-imputat huwa responsabbli għall-ħsarat inkorsi fil-vettura msemmija, fatt ikkonfermat minnu stess, u ma jistax jiġi eżonerat minn din ir-responsabbilta' tenut kont tal-fatt li stqarr fix-xhieda tiegħu li hu pprova jiskapula din il-ħabta għax fl-aħħar mill-aħħar il-vettura IVN912 kienet wieqfa wara serbut vetturi minħabba r-

[9] Deċiża mill-Imħallef William Harding nhar il-21 ta' Mejju 1960.

*road block* u ergo m'għamlet l-ebda manuvra jew moviment li seta' kellu xi kontributorjeta' għall-inċident riżultanti.

Dawn ir-riżultanzi wkoll iwasslu għall-ħtija tas-sitt imputazzjoni fejn jidher ċar minn dak li seħħ li s-sewqan tal-imputat kien wieħed negliġenti fiċ-ċirkostanzi tal-każ. Biss ma hemmx ukoll provi li juru li s-sewqan tiegħu kien jissodisfa l-estremi ta' sewqan perikoluż.[10]

Illi fir-rigward tas-seba' imputazzjoni, jirriżulta li l-imputat ma waqafx mill-ewwel meta kien hemm is-senjalazzjoni permezz tat-torċ da parti ta' PC1537 Paul Falzon. Il-Pulizija jgħidu wkoll li kienu libsin il-*flourescent vests* u kellhom anki l-*beacon lights* blu mixgħulin. Dan ir-*road block* kien qiegħed isir fis-sagħtejn ta' filgħodu sbieħ l-ewwel tas-sena. Skond ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni huma kienu viżibbli u l-imputat seta' faċilment jara lil PC1537 jissenjalaħ sabiex jirrallenta u jieqaf meta hu beda jsuq fid-direzzjoni tagħhom.

Mill-banda l-oħra l-imputat jgħid li mhux minnu li l-Pulizija kienu libsin il-*flourescent vests* jew li kellhom id-dwal mixgħulin. Jgħid ukoll li hu filfatt lanqas biss induna bil-Pulizija mill-ewwel; u dan peress li huma kienu moħbijin fis-siġar. Apparti minn hekk l-imputat jgħid li PC1537 tefgħalu t-torċ għall-karozza tiegħu biex jieqaf u mhux veru li ssenjala

[10] Ara fost oħrajn is-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Kevin Caruana*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri) ppreseduta mill-Imħallef Joe Galea Debono nhar it-3 ta' April 2003.

biha biex jieqaf skond kif spjegaw il-Pulizija li xehdu għall-Prosekuzzjoni.

Interessanti li jiġi nnutat li skond ix-xhieda ta' PC135 Joseph Buhagiar, filwaqt li jikkonferma li kien hemm minnhom li kienu libsin il-*flourescent vests* hu jgħid ukoll li huma kienu taħt is-siġar. Dan sa ċertu punt jikkorrobora dak li stqarr l-imputat dwar fejn kienu jinsabu l-Pulizija. Iżda għal dak li jirrigwarda s-senjalazzjonijiet li kienu qedgħin jagħmlu l-Pulizija tat-traffiku kif ukoll fid-dawl tal-ħwjjeġ li kienu libsin, din il-Qorti ssibha kemxejn diffiċli temmen il-verżjoni tal-imputat. Di piu' il-fatt li l-imputat ġie ssenjalat biex jieqaf minn PC1537 bl-użu tat-torċ tiegħu, ġie kkonfermat minn iktar minn xhud wieħed tal-Prosekuzzjoni. Dawn ix-xhieda ikkonfermaw ukoll li l-imputat għall-ewwel baqa' għaddej u waqqaf biss wara li rallenta u twaqqaf qrib il-Pulizija l-oħra li kienu fuq il-post aktar il-fuq minn PC1537.

Mill-provi jirriżulta li l-imputat fl-aħħar mill-aħħar waqaf ħdejn il-Pulizija. Biss jirriżulta li huwa ma waqafx mal-ewwel senjalazzjoni li kienet saritlu. F'dan ir-reat dak li huwa meħtieġ huwa li sewwieq jieqaf 'minnufih'. Dan il-waqfien minnufiħ ma seħħx. Konsegwentement l-imputat ser jinstab ħati wkoll ta' din l-imputazzjoni kontravvenzjonali misjuba fis-seba' imputazzjoni.

Rigward it-tminn imputazzjoni jirriżulta li meta l-imputat ikkommetta l-ħsara involontarja fil-vettura misjuqa minn Karsten Manicolo huwa ma waqafx kif kien meħtieġ skont il-Liġi iżda spiċċa li kien ġie mwaqqaf mill-Pulizija aktar il-fuq – u fi kwalunkwe każ ma waqafx minnufih. Dan ir-reat ukoll għandu jitqies integrat almenu fir-rigward tal-ewwel parti tiegħu fejn jeħtieġ li fejn jiġri inċident b'vettura bil-mutur li jkun jinvolvi offiża fuq il-persuna oħra jew tiġi kaġunata ħsara lil xi vettura, annimal jew proprjeta oħra is-sewwieq għandu jieqaf. L-imputat ma waqafx minn jeddu iżda ġie mwaqqaf sussegwentement mill-Pulizija. Ma hemmx provi li l-imputat naqas milli jagħti l-konnotati tiegħu lill-Pulizija. Biss dan ir-reat għandu jitqies integrat anke jekk tkun kommessa biss l-ewwel parti tiegħu relattiva għan-nuqqas ta' waqfien tal-vettura in kwantu it-tieni parti għandha eżistenza separata minn dawk il-fattispeċie imsemmija fl-ewwel parti ta' dan ir-regolament 67(1) tal-L.S. 65.11.

Finalment rigward tad-disa' imputazzjoni m'hemm l-ebda dubbju, skont il-ġurisprudenza aktar il-fuq imsemmija li l-imputat huwa uffiċjal pubbliku skond kif ġie wkoll ikkonfermat mix-xhud tal-Kaptan Carmel Mercieca matul il-proċeduri.[11]

Uffiċjal pubbliku huwa definit ai termini tal-artikolu 92 tal-Kodiċi Kriminali bħala :

[11] Xhieda datata 1.6.16 a folio 66 tal-atti proċesswali.

..mhux biss l-awtoritajiet kostitwiti, ċivili u militari, iżda wkoll dawk il-persuni kollha li huma maħtura skont il-liġi sabiex jamministraw xi parti tas-setgħa esekuttiva tal-Gvern, jew biex jesegwixxu xi dmir ieħor pubbliku impost mil-liġi, sew ġudizzjarju kemm amministrattiv kif ukoll tax-xorta l-waħda u l-oħra.

Kif ġie deċiż fil-kawża fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Stephen Ciangura et*** mill-din il-Qorti diversament presjeduta mill-Maġistrat Dottor Doreen Clarke nhar it-22 ta' Novembru 2018 intqal is-segwenti : -

Illi r-raba imputazzjoni hija migjuba fil-konfront biss ta' l-imputat Stephen Ciangura u tirreferi ghar-reat ossia aggravju ravvizat f'l-artikolu 141 ta'l-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; dan jipprovdi li

*... kull uffiċjal jew impjegat pubbliku li jsir ħati ta' reat ieħor li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minħabba l-kariga tiegħu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena stabbilita għal dak ir-reat, miżjuda bi grad.*

Illi ai termini tad-definizzjoni mghotija f'l-artikolu 92 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta :

*Taħt il-frażi ġenerali "uffiċjal pubbliku" jidħlu mhux biss l-awtoritajiet kostitwiti, ċivili u militari, iżda wkoll dawk il-persuni kollha li huma maħtura skont il-liġi sabiex jamministraw xi parti tas-setgħa esekuttiva tal-Gvern, jew biex jesegwixxu xi dmir ieħor pubbliku impost mil-liġi, sew ġudizzjarju kemm amministrattiv kif ukoll tax-xorta l-waħda u l-oħra.*

Illi ghalhekk m'ghandu jkun hemm l-ebda dubbju li l-imputat Ciangura, in kwantu membru tal-Forzi Armati ta' Malta, ghandu jitqies bhala ufficjal pubbliku.

Illi l-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza mghotija fil-kawza Il-Pulizija vs Emanuel Testa (dec. 17.07.2002) stabbilit ukoll li:

*Biex jiskatta d-dover jew obbligu taht l-Artikolu 141 imsemmi, irid ikun hemm xi disposizzjoni ta' ligi jew xi kundizzjoni ta' impieg li, direttament jew indirettament, timponi l-obbligu fuq l-ufficjal jew impjegat pubbliku li jkun li jissorvelja li ma jsirx xi reat partikolari (jew ir-reati kollha) jew li jimpedixxi dan ir-reat (jew reati).*

> Illi kif irrilevat il-Qorti ta'l-Appell fil-kawza hawn kwotata dan l-obbligu statutorju zgur jinkombi direttament fuq il-pulizija ai termini ta' l-artikolu 346(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 4 tal-Kapitolu 164 tal-Ligijiet ta' Malta. Minn qari tal-Kapitolu 220 tal-Ligijiet ta' Malta ma jirrizultax li hemm xi obbligu simili impost b'mod generali fuq il-membri tal-Forzi Armati.
>
> Illi pero ai termini ta' l-Avviz Legali 66 ta' l-1980 (S.L. 220.06)
>
> *Fil-qadi ta' dmirijiet ta' patrol, gwardja jew sigurtà jew ta' dmirijiet li ghandhom x'jaqsmu ma' reati kriminali, moghtija lilu mill-Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta, sew jekk dawk id-dmirijiet isiru fuq l-art, fuq il-bahar jew fl-ajru, membru tal-Forzi Armati ta' Malta jkollu s-setgha li jezercita dawk il-funzjonijiet, setghat u dmirijiet kollha li bil-ligi huma vestiti f'ufficjal tad-Dwana jew f'membru tal-Korp tal-Pulizija ta' Malta.*
>
> Illi ghalhekk meta membri tal-Forzi Armati ta' Malta jinghataw dmirijiet ta' patrol, gwardja jew sigurtà jew ta' dmirijiet li ghandhom x'jaqsmu ma' reati kriminali huma jkollhom l-istess poteri u dmirijiet li legalment huma vestiti fil-pulizija. Dan ifisser li f'dawn ic-cirkostanzi membri tal-Forzi Armati jkollhom l-obbligu li jimpedixxu reati kriminali milli jsehhu u li jissorveljaw li ma jsirux reati.
>
> Illi jidher pero li dmirjiet ta' patrol, gwardja jew sigurtà jew ta' dmirijiet li ghandhom x'jaqsmu ma' reati kriminali mhumiex imposti fuq il-membri kollha tal-forzi armati imma jigu assenjati lil membri partikolari mill-Kap Kmandat. Ghalkemm mill-atti jirrizulta li l-imputat Ciangura huma membru tal-Forzi Armati ma jirrizultax x'kariga jokkupa f'l-armata u lanqas x'inhuma d-doveri tieghu. Konsegwentement, u fin-nuqqas ta' prova li Ciangura kien inghata *dmirijiet ta' patrol, gwardja jew sigurtà jew ta' dmirijiet li ghandhom x'jaqsmu ma' reati kriminali*, din ir-raba imputazzjoni ma tistax tissussisti.

Inoltre fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-30 ta' Novembru 2016 fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Gordon Pickard***, ingħad is-segwenti : -

> Illi ma tezisti ebda disposizzjoni tal-ligi li timponi obbligu fuq membru tal-Forzi Armati ta' Malta li jiddikjara dak kollu li jaf u jghid il-verita' kollha lill-Pulizija Ezekuttiva. Lanqas ma tezisti xi disposizzjoni generali, bhalma huwa l-kaz ta'

> membri tal-Korp tal-Pulizija skond l-artikolu 346(1) tal-Kodici Kriminali u l-artikolu 4 ta' l-Att dwar il-Pulizija. Ghalhekk ic-cirkostanza aggravanti msemmija fl-artikolu 141 tal-Kodici Kriminali qatt ma kellha tigi addebitata lill-esponent u wisq inqas kellu jinstab hati taghha.

Illi dan isegwi wkoll insenjament preċedenti mill-istess Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Josef Galea*** deċiża nhar id-29 ta' Settembru 2010 fejn intqal hekk :

> L-ewwelnett, b'referenza ghat-tielet aggravju in kwantu jirrigwarda l-aggravanti skond l-artikolu 141 tal-Kap. 9 tal- Ligijiet ta' Malta, biex ikun hemm l-applikabilita` ta' dan l-artikolu, l-ufficjal pubbliku koncernat irid ikun ikkommetta reat "li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi". Meta sehh l-incident in kwistjoni, l-appellant ma kienx qieghed jezercita dmirijiet skond kif provdut fl-Avviz Legali 66/1980 intitolat Ordni dwar l-Ghoti ta' Setghat lill-Forzi Armati ta' Malta. Ghalhekk dan l-aggravju huwa milqugh.

Matul il-kors ta' dawn il-proċeduri ma nġiebet ebda prova li turi li l-imputat kellu xi delega speċjali mogħtija lilu mill-Kap Kmandant tal-Forzi Armati li tikkonċerna dmirijiet ta' patrol, gwardja jew sigurtà jew ta' dmirijiet li għandhom x'jaqsmu ma' reati kriminali. Kwindi in vista ta' dan il-fatt l-imputat mhux ser jinstab ħati tal-artikolu 141 tal-Kodiċi Kriminali.

***Ikkunsidrat :-***

Illi għal dak li jikkonċerna l-addebitu tar-reċidiva, fl-atti ġiet eżebita l-fedina penali tal-imputat a folio 26. Apparti din il-fedina penali ma ġewx eżebiti xi sentenzi in sostenn ta' din il-fedina penali. Għaldaqstant, ma jistax jitqies li l-Prosekuzzjoni ippruvat l-addebitu tar-reċidiva sal-

grad rikjesta mill-Liġi u għalhekk l-imputat ma jistax jitqies bħala reċidiv kemm skond dak dispost taħt l-artikolu 49 u 50. Kwindi dan l-addebitu mhux ser jiġi applikat fil-konfront tiegħu.

***Ikkunsidrat :-***

Illi għal dak li jirrigwarda l-piena idoneja, din il-Qorti qieset il-fedina penali tal-imputat, ir-riżultanzi mill-proċeduri għal dak li jirrigwarda l-inċident awtomobilistiku fejn jidher li l-ħsarat kaġunati ma kienux t'entita kbira u fi kwalunkwe każ kienu ġew imħallsa mill-imputat qabel id-data tal-lum u fejn jidher li m'hemmx aktar pendenzi f'dak ir-rigward.

Di piu' din il-Qorti qieset ukoll il-kariga tal-imputat fi ħdan il-Forzi Armati ta' Malta fejn irriżulta li hu ġie *demoted* konsiderevolment minħabba din il-proċedura penali kontra tiegħu allavolja l-każ kien għadu mhux finalment deċiż. Mix-xiehda tal-imputat jirriżulta altru minn pruvat li dan il-fatt waħdu ħalla impatt bil-wisq qawwi fuq l-imputat, li jidher ġenwinament li huwa għandu għal qalbu ħafna l-karriera militari li huwa intraprenda. Din id-*demotion* jirriżulta li minnha nnifisha li kienet diġa piena kbira għalih. Minbarra dan jidher ukoll ċar kristall kemm l-imputat verament iddispjeċih għal dak li għamel u rrealizza li l-bravata tiegħu ta' lejliet l-ewwel tas-sena kellha effetti ħżiena fuqu.

Finalment din il-Qorti qieset ukoll l-ammissjoni tal-imputat għarrigward tat-tielet u tar-raba' imputazzjonijiet nonche l-fatt li l-Prosekuzzjoni iritirat tal-ewwel imputazzjoni kontra tal-imputat.

Mill-banda l-oħra il-Qorti ma tistax tinjora l-fatt li l-imputat kien qiegħed isuq taħt l-effett tax-xorb. Dan huwa minnu nnifsu reat serju u li dan l-aħħar snin ittieħed ferm aktar bis-serjeta mill-Leġislatur, kif rifless f'awment konsiderevoli tal-pieni applikabbli li impona għal min jinstab ħati li jkun saq taħt l-influwenza tax-xorb. Biss din il-Qorti trid tapplika l-piena li kienet viġenti fil-jum meta seħħew ir-reati de quo, li kienet konsiderevolment anqas minn dak viġenti illum il-ġurnata. Inoltre jirriżulta li din kienet l-ewwel darba li l-imputat ser jiġi misjub ħati bir-reat li saq taħt l-effett tax-xorb alkoħoliku u b'hekk il-piena applikabbli hija dik li titnissel mill-Artikolu 15H(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, u li dak iż-żmien kien jippreskrivi piena ta' multa ta' mhux anqas minn elf u mitejn euro jew priġunerija ta' mhux aktar minn tliet xhur jew tal-multa jew priġunerija flimkien.

Fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ il-Qorti tqis li l-piena idoneja f'dan il-każ għandha tkun dik tal-multa, li għandha tirrifletti l-gravita tal-azzjoni tal-imputat li pero, b'xorti tajba, ma kellhiex konsegwenzi serji ħafna.

# ***Deċide***

Illi wara li rat ir-regolamenti 15(1)(a)(2)(3), 15A, 15B, 15C, 15D, 15E, 15F, 15G, 15H, 15I tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-regolamenti 67 u 124(1)(2) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.11 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll l-artikoli 17, 20, 31 u 328(d) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qegħda :

(a) Tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel imputazzjoni in kwantu l-Prosekuzzjoni irtirat din l-imputazzjoni;
(b) Ma ssibux ħati tat-tieni u d-disa' imputazzjonijiet u mill-addebitu tar-reċidiva stante li ma ġewx soddisfaċentement ippruvati sal-grad rikjest mill-Liġi;
(c) ssib lil Glen Ciantar ħati tat-tielet, ir-raba, il-ħames, is-sitt, is-seba' u t-tminn imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

Konsegwentement din il-Qorti tikkundannaħ għal multa komplessiva fl-ammont ta tliet elef euro (€3000).

Inoltre il-Qorti tordna li l-ħati jkun skwalifikat milli jiskeb, jottjeni jew iżomm liċenza tas-sewqan għal perjodu ta' tlett xhur (3) u dan skond l-artikolu 15(2) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta.

***Aaron Bugeja***

***Maġistrat***

Proċeduri reżi sommarji/kontestati